# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 21

Il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana iltaqa' fis-Sala tal-Komunità li tinsab fi Triq ta' Mulejja, nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru 2020 fl-5.00pm.

PREŻENTI:
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

## 21.1 Talba;

21.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-5.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 21.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

21.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri informat verbalment li ġejja tard u anke jista' jagħti l-każ li tilħaqx tiġi, u s-Sur Jonathan Cefai ma' jistax jattendi minħabba impenji oħra. Il-membri preżenti aċċettaw l-apoloġiji.

## 21.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

21.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 20 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

21.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

21.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

21.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 21.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

21.4.1 Is-Sindku Saviour Borg informa lil dawk preżenti li attenda għall-preżentazzjoni tal-AEDs lill-Kunsill Lokali Għawdxin mogħtija mis-Sa. Carmen Bellamy, organizzata mill-Kunsill Reġjonali għal Għawdex. Is-Sindku qal li dan se jitwaħħal ħdejn il-monument tas-Sajjieda fl-ispazju miftuħ li hemm fuq il-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. B'hekk jintlaħaq mill-Knisja Parrokkjali wkoll. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mir-Reġjun Għawdex għal min jixtieq li dan l-AED jaħdem bil-batterija. Is-Sindku ssuġġerixxa li fil-fehma tiegħu

aħjar ikun jaħdem bill-batterija għax hekk il-Kunsill jiffranka l-ispejjez li jrid jgħaddi d-dawl elettriku għalih. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li l-Kunsill jinforma lill-furnatur.

21.4.2 Is-Sindku informa li attenda għall-attivitajiet ta' Jum Għawdex. Dawn kienu jikkonsistu f'Pontifikal Solenni fil-Katidral t'Għawdex, li għal-ewwel darba tmexxa mil-Isqof il-ġdid t'Għawdex, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Anton Teuma, u attivita' ta' l-għoti ta' Ġieħ Għawdex miċ-*Circolo Gozitano*, li saret fi Pjazza Indipendenza.

21.4.3 Is-Sindku fakkar li fadal xi xtieli li l-Kunsill għad irid jiġbor mill-*voucher Rebbiegħa fil-Komunita' – Xettel b'Ilwien in-Natura*. Hu ssuġġerixxa biex il-Kunsill jara hemmx disponibbli xi pensieri biex jitħawlu fil-qsari madwar il-lokalita'. Kien hemm qbil.

21.4.4 Is-Sindku informa lill-membri li spiċċat ix-xemgħa għan-niċċa tas-Salvatur u hemm bżonn li tinxtara oħra. Kien hemm qbil dwar dan.

21.4.5 Is-Sindku għarraf ukoll li ġiet amministrata l-vaċċin tal-influwenza minn infermiera mid-Dipartiment tas-Saħħa fis-Sala tal-Komunita'. Dan sar fuq jumejn. Il-vaċċin ingħata lil madwar 155 persuna. Dawk il-persuni li tniżżlu fil-lista' tal-*homebound*, dan il-vaċċin, se jingħatalhom fix-xahar ta' Novembru.

21.4.6 Is-Sindku Saviour Borg informa li saret il-manutenzjoni tal-bankijiet ta' quddiem u madwar il-Knisja, ta' ħdejn Bieb il-Għajn, ta' ħdejn Cini's Bakery fi Triq il-Għajn u tal-injam u l-fanal tan-niċċa tas-Salvatur.

21.4.7 Is-Sindku qal li hemm bżonn li jinqalgħu l-pjanti ta' żejt ir-riġnu fejn kien sar it-tindif fil-Wied tax-Xlendi, għax wara l-maltempata ta' Settembru nibtu ħafna. Kien hemm qbil.

21.4.8 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill iħawwel xi siġar indiġeni fil-Wied tax-Xlendi bħal tas-siġar tal-Luq u s-siġra Nazzjonali ta' l-Għargħar. Hu qal li n-*Nursery* tad-Dawwara għandhom minnhom. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

21.4.9 Is-Sindku Saviour Borg informa li għal darb'oħra attenda għas-seduta tal-Qorti dwar ir-rikors kontra l-Awtorita' tal-Artijiet quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva. Hu qal li taw ix-xhieda

tagħhom il-Kunsilliera s-Sur Horace Micallef u s-Sur Carmel Farrugia, rappreżentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar, kif ukoll il-Perit Gordon Vella. Il-każ ser jkompli jinstema' fit-23 ta' Novembru 2020 fis-1.00pm.

21.4.10 Is-Sindku għarraf lill-membri li kellu laqgħa mal-Perit Gordon Vella rigward il-pjanta tal-*parkings* fi Triq il-Għajn bejn Triq il-Qalb ta' Ġesu' u Triq il-Kappillan Ġ. Hili, n-naħa tal-ispiżerija.

21.4.11 Is-Sindku informa li l-Kunsill li dwar id-devoluzzjoni ta' Pjazza l-Għejjun, bagħat pjanta ġdida lil Awtorita' tal-Artiijet minħabba l-fatt li l-Perit kien nesa jimmarka is-sit tar-replika tal-Għajn tal-Loġoġ.

21.4.12 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Jobsplus taw lill-Kunsill ħaddiem fuq bl-iskema *Work Exposure Scheme* u għandu madwar 240 siegħa. Dan se jkun qiegħed flok l-iskrivana li għadha kemm spiċċat wara li kienet tat iż-żmien tan-"notice" tlett xhur ilu.

21.4.13 Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill jordna xi ftit maskli għal COVID 19 bl-arma tal-Kunsill. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li din tkun sewda bl-arma u l-isem tal-Kunsill fil-ġenb.

## 21.5 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku

Is-Sindku Saviour Borg qal li bħal ma ingħad aktar il quddiem kien hemm is-seduta tal-Qorti fit-22 ta' Ottubru 2020 u xehdu l-Kunsilliera s-Sur Horace Micallef u s-Sur Carmel Farrugia. Is-seduta li jmiss se tkun fit-23 ta' Novembru 2020 fis-1.00pm, fejn se jkun hemm rappreżentant mill-Awtorita' tal-Artijiet li jagħti x-xhieda tiegħu. Hu qal li se jitressaq ukoll l-affidavit tal-Perit Joseph Dimech u tal-Perit Anna Maria Attard Montalto. Is-Sur Horace Micallef qal li l-Kunsill għamel l-almu tiegħu u dak kollu li seta', issa f'idejn l-awtoritajiet biex jiddeċiedu.

## 21.6 Aġġudikazzjoni ħruġ ta' sejħiet ta' l-offerti

21.6.1 FLC/05/2020 – *Works Tender for the excavation of trenches and replacement of House Connections – Triq il-Għajn, Fontana* (re-issue). Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru 2020. Kien hemm offerta waħda:
*Little Rock Quarry Ltd* - €126,595.73

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lil *Little Rock Quarry Ltd* minħabba l-fatt li din kienet l-unika waħda u li l-offerta tiegħu kienet *the cheapest compliant offer*. Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat. Hu qal li billi hemm żewġ kuntratturi differenti f'dan il-proġett, wieħed ser jagħmel ix-xogħol tad-drenaġġ u ieħor ser jagħmel ix-xogħol tal-ilma u t-tarmac, il-bord qal li importanti li ż-żewġ kuntratturi jkunu ċari meta se jibda u jispiċċa wieħed, u meta se jibda u meta se jispicca l-ieħor. Is-Sindku qal li ngħata parrir mill-Bord tal-Evalwazzjoni biex il-Kunsill jinforma lil kuntrattur l-ieħor jekk dan għadux lest li jżomm l-istess rati tas-sena 2018. Is-Sur Horace Micallef qal li jrid ikun hemm pjan ċar bejn iż-żewġ kuntratturi ħalli ma' jbatux ir-residenti. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, tintbagħat l-offerta li rċieva l-Kunsill lill-Perit Anthony Bezzina, responsabbli mill-Proġett biex jiċċekja ntefgħetx sew u jivverifika hix tajba.

21.6.2 Rigward it-tender *Service Tender for the collection of Household Waste from the Locality of Fontana in an Environmentally Friendly Measure,* id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li skond ir-rapport ta' l-Inġinier M. Cauchi, iż-żewġ offerenti kienu *technically compliant*. Is-Sindku wieġeb li issa jrid jitlaqqa l-bord tal-Evalwazzjoni li kif kien hemm qbil, dan se jkun magħmul mis-Sur William Sultana bħala Chairman, s-Sindku Saviour Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Jonathan Cefai u s-Sur Carmel Farrugia.

## 21.7 Ħatra ta' Skrivan/a fi Skala 15 *part time*

21.7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara li ħarġet is-sejħa għall-ħatra ta' skrivan/a fi Skala 15 fuq bażi *part-time* internament mal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill ma rċieva l-ebda

applikazzjoni. Skond il-proċeduri uffiċċjali, wara, il-Kunsill bagħat din is-sejħa lil JobsPlus biex tiġi ċċirkulata fi ħdan il-persuni rreġistrati ma' l-istess JobsPlus. F'każ li ma jkunx hemm interess mill-persuni li qed jirreġistraw ma' JobsPlus, toħroġ is-sejħa għall-pubbliku inġenerali. Kien hemm qbil dwar dan.

**21.8 Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: April – Ġunju 2020**

21.8.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 ta' April 2020 sat-30 ta' Ġunju 2020.

21.8.2 Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, ir-rapport finanzjarju tat-tlett xhur: April 2020 – Ġunju 2020 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**21.9 Jum Il-Fontana 2020**

Is-Sindku Saviour Borg qal li fiċ-ċirkustanzi li l-pajjiż għaddej minnhom, ma' jippermettux li jsiru attivitajiet. Hu kompla billi qal fil-ġurnata ta qabel irċieva ittra mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa, datata 27 ta' Ottubru 2020 fejn stieden lis-Sindku u l-membri tal-Kunsill għall-Quddiesa Solenni ta' Jum Sant'Indrija u fejn talab li kemm jista' jkun malajr ikun jaf min jista' jattendi biex ikun jista' jipprepara għall-miżuri tas-*social distance* meħtieġa. Inqrat l-ittra mibgħuta mill-Kappillan Kan. Simon Cachia. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-quddiesa ta' Jum il-Fontana u dik ta' Sant'Indrija jsiru f'waħda. Wara kuntatt telefoniku mal-Kappillan, kien hemm qbil bejn il-membri preżenti u l-Kappillan biex il-quddiesa ta' Jum il-Fontana u dik ta' Jum Sant'Indrija jsiru f'darba, nhar it-30 ta' Novembru 2020. Is-Sur Horace Micallef staqsa jekk hux ser issir ċerimonja fejn jingħata Ġieħ il-Fontana. Il-Sindku qal li fiċ-ċirkustanzi m'għandha ssir l-ebda attivita', dan għar-raġuni li s-serata soċjo kulturali ssir fis-Sala fil-Komunita' għalhekk ma hemmx l-ispazju meħtieġ minħabba s-*social distance.* Kien hemm qbil ukoll biex wara l-quddies, biex jiġi kkommemorat Jum il-Fontana, isir tqegħid ta' kuruni mal-Monument tas-Sajjieda u ma' dak tal-Logħob tan-Nar, isir tqegħid ta' fjuri man-Niċċa tas-Salvatur, kif ukoll ikun hemm hemm talba tal-okkażjoni

mill-Kappillan tal-Parroċċa.

## 21.10 Aġġornament sitwazzjoni proġett tal-*Porvido*

Is-Sindku qal li s-sitwazzjoni li qiegħed fiha l-Kunsill rigward dan il-proġett issa ilha għaddejha erba' xhur u sa issa għadu ma beda l-ebda xogħol meta l-kuntratt iffirmat mal-kuntrattur kien fit 30 ta' Ġunju. Hu kompla billi qal li l-Awtorita' tal-Ippjanar bagħtu l-kuntratt emendat fejn ġew inklużi t-€22,000 biex jiġi ffirmat, u l-Kunsill irid iniżżel kemm se jieħu żmien dan il-proġett. Is-Sindku qal li lill-kuntrattur kellmu kemm il-darba. Hu fakkar li l-Kunsill ġa kien talab lill-Awtorita' tal-Ippjanar estensjoni ta' sena u din kważi għaddiet. Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ħadu parir mingħand l-Avukat Dr Jonathan Mintoff, li kien l-Avukat fil-Bord tal-Għażla, li ssuġġerixxa li tintbagħat ittra rreġistrata lill-kuntrattur fejn jintalab programm kif ser jitwettqu x-xogħlijiet *(works programme)*. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

## 21.11 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

21.11.1 Kopja ta' l-ittra mibgħuta lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex mill-Avukat Dr Noel Camilleri rigward ir-rapport tal-Belveder ta' tarf Triq ta' Mulejja. L-Avukat informa lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv li sa dakinhar tal-Laqgħa ma' kien irċieva l-ebda risposta min-naħħa tal-Ministeru għal Għawdex għall-ittra mibgħuta. Is-Sindku talab biex din l-ittra tiġi mehmuża ma' dawn il-Minuti. Kien hem qbil.

21.11.2 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex rigward *Bye-Laws*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.3 SPI.SCI.5/2020 – Skema – Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.4 SPI.SCI.6/2020 – Skema – Finanzjament għall-Kreazzjoni ta' Spazju Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u f'Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.5 Korrispondenza mingħand il-PA rigward Applikazzjonijiet Nru: PA/06556/20, PA/06898/20, PA/06902/20, PA/01513/20, RG/00582/20. Is-Sindku nnota li t-triq imsemmija fl-applikazzjoni PA/06898/20 hi skorrettament miktuba bħala Triq Għajn Tuta, s-sit propost huwa fi Triq il-Għajn. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat lill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar dan.

21.11.6 Ċirkulari Nru AKL 2020/112 – *Seasonal Influenza Vaccination Schedule Final – Health Centres, Community Clinics and Local Councils*. Il-Kunsill innota l-kontenut. Is-Sindku rrimarka li din is-sena ħa ħsieb kollox id-Dipartiment tal-Kura Primarja. Il-Kunsill kemm offra s-sala tal-Kunsill biex jingħata dan il-vaċċin fiha. Twaħħal avviż man-*notice boards* tal-Kunsill kif ukoll deher l-avviż fuq il-paġna uffiċċjali ta' *Facebook* tal-Kunsill.

21.11.7 Ċirkulari Nru AKL 2020/114 – *The Building & Construction Agency (BCA).* Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.8 Korrispondenza mingħand is-Sa. S. Agius mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward *Konnessjonijiet diġitali tad-data ġodda pprovduti mill-MITA.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.9 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex, rigward *Enserlves Final Conference 15th October 2020 – Invitation and Agenda – GRC.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.10 Ċirkulari Nru AKL 2020/117 – Laqgħat tal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.11 Ċirkulari Nru AKL 2020/119 – Minuti Laqgħa AKL Nru 38. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.12 Korrispondenza mingħand is-Sr K. Azzopardi mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol, rigward *Project in Schools: Celebrating our locality's Sportspersons.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.13 Ċirkulari Nru AKL 2020/116 – *Outdoor Potable Water Dispensers*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.14 Ċirkulari Nru AKL 2020/078 – Kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ. Fiċ-ċirkulari ntqal li wara kważi sena u nofs ta' taħditiet fl-aħħar, l-

Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ingħatat €200,000 għas-sena d-diehla biex jiġi kkontrollat il-ħamiem. Iċ-ċirkulari tgħid li se jibda x-xogħol jibex joħroġ tender biex il-Kunsilli Lokali jagħmlu użu minnu bla ħlas.

21.11.15 Ċirkulari Nru AKL 2020/118 – Skema ta' tħawwil ta' siġar f'żoni urbani fil-lokalita' – Ministeru għat-Turiżmu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.16 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward *ATTN: 3rd Edition of the Istanbul Environment Friendly City Award (2020-2021)*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.17 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward *ATTN: Interreg MED Programme 2014-2020 – Restricted call for proposals transfer and mainstream projects*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.18 Korrispondenza mingħand is-Sa. A. Vella mill-Wasteserv rigward *European Week for Waste Reduction 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.19 Ċirkulari Nru AKL 2020/113 – Sessjoni Informattiva – Poloz tal-Assigurazzjoni u Saħħa u Sigurta' fuq il-post tax-Xogħol. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.21 Ċirkulari Nru AKL 2020/115 – Ittra minn TM u l-AKL dwar qlugħ ta' tabelli mingħajr permess minn Transport Malta. Is-Sindku qal li l-Kunsill m'għandux tabelli bla permess. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.22 Korrispondenza mingħand is-Sa. M Camilleri mill-NCPE rigward NCPE's Online Annual Conference – 19th October 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.23 Korrispondenza mis-Sa. M. Zammit mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett *Appointment of Neville Galea, ID 00037885G, as Executive Secretary with Il-Fontana Local Council.* Dan se jibda jaħdem *full time* mill-1 ta' Novembru 2020.

21.11.24 Ċirkulari AKL 2020/32 – Tnedija tal-ewwel sejħa – Proġett EUCF Webinar għada 7 t'April. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.25 Korrispondenza mingħand is-Sa. H. Agius mill-Awtorita' tal-Artijiet rigward *Premises No. 191 (A), Triq tal-Għajn, Fontana, Gozo*. Din il-korrispondenza tgħid li l-*agreement* tal-kera ta' dan is-sit se jkun rivedut fil-21 ta' Ottubru 2020 u se jgħola għal €401.48 minħabba żieda fl-indiċi ta' l-inflazzjoni. Is-Sindku fakkar fiċ-ċirkulari tal-AKL rigward ħlasijiet fuq devoluzzjonijiet u kien hemm qbil biex tintbagħat talba lil AKL għall-kjarifika fuq l-imejl tagħhom.

21.11.26 Korrispondenza mingħand il-*Planning Authority* rigward il-kuntratt il-ġdid li jrid jiġi ffirmat fuq il-proġett ta' xogħlijiet ta' tisbieħ bil-*porvido* u l-iskeda ta' pagamenti kif ser isiru. Il-pagamenti ser jingħataw 30% mal-iffirmar tal-kuntratt; 60% wara li jsiru l-ewwel fażi u t-tieni fażi tax-xogħlijiet u l-10% fl-aħħar tal-proġett, wara spezzjoni mill-uffiċċjali tal-PA. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li jistenna risposta bil-programm ta' xogħlijiet mingħand il-kuntrattur.

21.11.27 Korrispondenza mingħand is-Sur J. Cutajar mid-Dipartiment ta' Eko Għawdex rigward *Outdoor Gym Assistance Scheme*. Il-Kunsill Lokali xi snin ilu kien għamel *outdoor gym* f'parti mill-*playingfield*.

21.11.28 Korrispondenza mingħand il-MEUSAC bit-titlu 'MEUSAC: Ġimgħa t'Attivitajiet – L-Unjoni Ewropea iktar aċċessibbli għalik'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.29 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward *ATTN: The URBACT Malta Newsletter*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.30 Korrispondenza mingħand MEUSAC rigward *Online Conference: Post-2020 – R&I Challenges and opportunities in the EU and Malta*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.31 Ċirkulari AKL 2020/122 – Kif għandha timtela n-Nota tal-Kunsinna, rigward is-servizz tal-*bulky refuse*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.32 Ċirkulari AKL 2020/120 – Applikazzjonijiet għall-Proġett *Youth Say: Cultivating the Next Generation of Community Leaders*. Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li jirreklama din l-applikazzjoni fuq il-Paġna Uffiċċjali ta' Facebook tal-Kunsill.

21.11.33 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex, rigward Milied Solidali – Serati ta' *Carol Singing* fil-Lokalita'. Il-Kunsill innota l-kontenut. Wara diskussjoni kien hemm qbil li ma' kienx hemm korijiet fil-lokalita'.

21.11.34 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex rigward Milied Solidali – Għoti ta' Ikla tal-Milied għall-persuni partikulari fil-Lokalita', fejn tgħid li l-ewwel inizzjattiva li ġie deċiż li titwettaq din is-sena mir-Reġjun Għawdex hija li tingħata Ikla tal-Milied lil dawk l-Anzjani jew morda jew persuni vulnerabbli oħra li jgħixu waħedhom jew koppji anzjani li ma għandhomx min isajrilhom u li din titwasslilhom fil-post fejn jgħixu fil-ġurnata tal-Milied u titqassam lilhom minn Membru/i tal-Kunsill Lokali rispettiv. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill Lokali tal-Fontana ilu mis-sena 2005 li joffri ikla lill-anzjani li jgħixu waħedhom fl-okkażjoni tal-Festa Titulari u l-Milied, għalhekk kien hemm qbil fil-Kunsill li ma jieħux sehem.

21.11.35 Ċirkulari AKL 2020/121 – *President's Fun Walk*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.36 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex, bis-suġġett Invit – Ċelebrazzjonijiet Jum Għawdex 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.37 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex rigward Installazzjoni tal-AED u l-possibilita' li taħdem b'batterija minflok bl-elettriku. Kien hemm qbil li l-AED, li se tiġi nstallata ħdejn il-Monument tkun taħdem b'batterija.

21.11.38 Korrispondenza mingħand is-Sa. R. Portelli mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett *Sixth Energy A Benchmark for national performance indicators.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.39 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex, rigward it-talba li l-Kunsill għamel lir-Reġjun biex jiffinanzja żewġ fanali dekorattivi fuq iz-zuntier tal-Knisja. Bir-risposta tar-Reġjun Għawdex tkun li bil-Fondi għall-Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u Soċjali tal-LESA, ser igawdu minnhom timijiet kollha tal-futbol ta' Għawdex. Is-Sindku wieġeb li ma jaqbel assolotament xejn mad-deċiżjoni li ħa r-Reġjun Għawdex. Dan għar-raġuni li l-Kunsill kellu jiġi mgħejjun fil-proposta li għamel għal ġid tal-lokalita', Dan għar-raġuni li peress li m'hawnx klabb tal-futbol kelli jiġi kumpensat bi proġett

ieħor.bol. Fondi mnejn jingħata hemm, tant li r-Reġjun spiċċa s-sena finanzjarja li għaddiet b'surplus ta' aktar minn €657,000. Dwar ir-risposta tar-Reġjun Għawdex li t-talba tal-Kunsill se tibqa valida, din mhi ser issolvi xejn meta toħroġ skema oħra, dan għar-raġuni li Alla ħares il-Kunsill Lokali tal-Fontana jerġa jiġi ddiskriminat għat-tieni darba. Hu kompla billi qal li l-Kunsill jkompli jsostni l-posizzjoni tiegħu mar-Reġjun Għawdex li l-lokalita tal-Fontana tiġi kkompensata biex jitwettaq il-proġett mitlub skond l-email datata 10 ta' Settembru 2020 (żewġ fanali *leds* u *environment friendly* fuq iz-zuntier). Għalhekk il-Kunsill qabel li għalhekk għandha tintbagħat ittra lir-Reġjun Għawdex b'dan li ġie maqbul.

21.11.40 Korrispondenza mingħand il-MEUSAC bis-suġġett *Capacity-building Sesion – Promotion of Results of EU-funded Projects*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.41 Korrispondenza mingħand il-MEUSAC bis-suġġett Diskussjoni mal-President ta' Malta – Malta fl-Unjoni Ewropea u lil hinn. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21.11.42 Ilment Nru: 31/2020

Qed jilmenta li hemm ammont kbir ta' weraq u zkuk fit-trejqa tal-parti t'isfel ta' Wied Siekel. Is-Sindku informa lil-Kunsill li daħlet vettura kbira li laqtet siġra. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li dan l-ilment kien intbagħat lis-Sur Henry Cefai mill-Ministeru għal Għawdex.

21.11.43 Ilment Nru: 32/2020

Qed li qed ibati minn inkonvenjent ta' parkeġġ quddiem ir-residenza tiegħu, inkluż il-garaxx, speċjalment mill-klijenti ta' l-ispiżerija. Qed jitlob lil Kunsill jinstalla kamera tas-sigurta'. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex il-Kunsill jirrapporta lil LESA dan l-inkonvenjent.

21.11.44 Ilment Nru: 33/2020

Qed tagħmel talba biex tinqala t-*traffic mirror* li hemm imwaħħla mar-residenza tagħha. Kien hemm qbil mill-Kunsill li la darba hemm l-użu tagħha minn kumpless ta' garaxxijiet faċċata, din il-mergħa jew tibqa kif inhi jew tinwaħal ma' arblu fl-istess post.

21.11.45 Ilment Nru: 34/2020

Qed titlob li jerġgħu jinżebgħu l-*yellow lines* u l-ħadid ta' quddiem ir-residenza tagħha. Ma kienx hemm qbil minn dawk preżenti minħabba l-fatt li kemm is-sinjali tat-triq kif ukoll l-ħadid ta' quddiem din ir-residenza għadhom f'kundizzjoni tajba.

21.11.46 Ilment Nru: 35/2020

Qed jitlob biex isir *parking space* quddiem id-dar tiegħu għax qed jipparkjaw quddiem id-dar tiegħu bl-addoċċ, u ma' jkunx jista' jipparkja quddiem il-garaxx tiegħu stess. Kien hemm qbil li tintbagħat talba lil Tranport Malta.

## 21.12 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

21.12.1 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef qal li għandu talba mill-Partit Laburista biex iħawlu siġra fl-għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tiegħu. Is-Sindku staqsieh fejn qed jipproponi li titħawwel din is-siġra peress li bħalma jaf hu ma tantx hemm fejn fil-lokalita' fejn hu żona urbana. Is-Sur Micallef wieġeb li ma jafx. Wara diskussjoni s-Sindku semma li jista' jkun hemm post fil-kantuniera bejn Triq Għajn Tuta u Trejqet Wara l-Idjar, fejn xi snin ilu l-Awtorita' tal-Ippjanar b'konsultazzjoni mal-Kunsill kiennet ipproponew li jsiru xi pjanti u għamara tat-triq f'din il-kantuniera. Il-Kunsill qabel li joffri dan il-post.

21.12.2 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef talab biex jitpoġġew xi ħwat fil-bidu ta' Triq il-Kardinal Alessandro Franchi fuq il-ħajt li nbena dan l-aħħar mad-dar tal-familja Sacco. Is-Sindku Saviour Borg wieġeb li m'għandix tkun problema anzi jistgħu jitpoġġew oħrajn f'tarf it-Triq John Gaspard Le Merchant fejn kienet saret l-aħħar parti tat-triq madwar sentejn u nofs ilu.

## 21.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

21.13.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 16/2020 għall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2020 u l-31 ta' Ottubru 2020 li tammonta għal €6,214.98 ġiet approvata u ffirmata.

## 21.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

21.14.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-6.40 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 25 ta' Novembru 2020, fil-5.00pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa, 25 ta' Novembru 2020.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv

MB &C

MIFSUD BONNICI & CAMILLERI
ADVOCATES

Kopja

23 ta' Settembru 2020

Lis-Segretarju Permanenti
Ministeru Ghall-Ghawdex
Pjazza San Frangisk
Rabat
Ghawdex.

Sur Segretarju Permanenti,

Permezz ta'din l-ittra interpellatorja, Saviour Borg fil-kapacita tieghu tas-Sindku u Neville Galea fil-kapacita tieghu ta'Deputat Segretarju Ezekuttiv f'isem u in rappresentanza tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, jinterpellawk sabiex fid-dawl tar-rappport maghmul mill-Perit Ivana Farrugia (hawn mehmuz) u anke fid-dawl tal-fatt li bhala Ministeru huwa l-entita li ghandha r-responsabilitajiet tal-infrastruttura generali gewwa Ghawdex inkluzi t-toroq u belveders, jinterpellawk sabiex jinbeda l-process kollu mehtieg halli fl-ewwel lok b'mod immedjat jitnehha il-perikolu ezistenti u fit-tieni lok jinbeda ix-xoghol kollha mehtiega halli dan il-belveder jerga jibda jitgawda mir-residenti tal-Fontana u minn dawk li jkunu rridu jaghmlu ftit hin jammirraw l-inhawi immedjati minnu minghajr ebda perikolu ta'xejn.

Ninfurmak illi l-Kunsill huwa disponibbli sabiex jiltaqa mall-ufficjali, amministrattivi, dawk professjonali u teknici sabiex jittiehdu dawk id-decizjonijiet kollha mehtiega.

Nistenna minghandek,

Ghoddni tieghek

Av. Noel Camilleri LL.D., LL.M.

Kopja: Kunsill Lokali Fontana
Anness: Rapport Tekniku Perit Ivana Farrugia.

Tel: (+356)2182 6975 | (+356)2180 5423 | Fax: (+356)2180 2285
Web: www.mbcadvocates.com | Email: info@mbcadvocates.com
Office: 12A Verdala Street, Gozo ...